MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1101/2002/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' l-assikurat taghha Jesmond Bondin**

**Vs**

**Dipartiment tat-Toroq, Dipartiment tad-Drenagg, Kunsill Lokali Bormla**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm381.81) danni sofferti u li ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta attrici, meta l-vettura BAG 431 baqghet diehla go barrier li giet imqieghda f'nofs ta' triq minhabba xi problemi in konnessjoni mas-sistema tad-drenagg u ma ttiehdu l-ebda prekawzjonijiet sabiex jigi assikurat li tali barrier ikun jidher mis-sewwieqa u utenti tat-triq, ghal liema incident jahtu l-konvenuti jew min minnhom.

Ra r-risposta tad-Dipartiment tad-Drenagg li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident peress li ma kienu qeghdin jitwettqu l-ebda xogholijiet mid-Dipartiment f'dawk l-inhawi.

Ra r-riposta tad-Dipartiment tat-Toroq li permezz taghha ecepixxa li ma kkumissjona l-ebda xogholijiet u lanqas ma hareg permessi ghal xoghol ta' skavar fil-pjazza Gavino Gulia, Bormla kif ukoll li l-incident sehh minhabba negligenza da parti ta' James Bondin.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali ta' Bormla li permezz taghha ecepixxa li l-post fejn sehh l-incident ma jaqax taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill u x-xoghol ma kienx qieghed isir that mansjoni tal-Gvern Centrali u bl-ebda mod ma kienx konness ma' l-istess Kunsill.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:

1. Fl-24 ta' Jannar 2000 il-vettura Peugeot 106 bin-numru BAG 431 kienet ghaddejja minn Pjazza Gavino Gulia. Din il-vettura baqghet diehla f'barrier li kien hemm fit-triq u li rrizulta li ma kellha l-ebda dawl maghha li jservi ta' avviz lis-sewwieqa. Il-vettura kienet qeghda tinstaq minn Victoria Bondin li spjegat: *"niftakar li kienet niezla xita qliel. Fit-triq dlamm cappa kien. Quddiemi jiena ma rajt xejn. F'hin minnhom jiena smajt hoss"* (fol. 38). Ix-xhud kompliet tghid: *"il-barrier ma kellu l-ebda dawl imwahhlin mieghu jew xi reflector"* (fol. 38) u li, *"huwa minnu li jiena dan il-barrier in kwistjoni kont diga' rajtu fuq il-post fi drabi ohra li ghaddejt minn hemmhekk. Pero' meta kont narah, kont narah imqieghed fin-nofs tat-triq f'pozizzjoni orrizontali. Meta jiena hbatt mal-barrier, dan kien qieghed f'posizzjoni vertikali"* (fol. 39).

2. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova u ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta attrici li jaghtu prova li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.

3. Da parti tal-konvenuti kull wiehed minnhom iddikjara li ma kellu l-ebda responsabbilta ghaliex ma qabbad lill-hadd biex jaghmel xogholijiet fil-post fejn sehh l-incident.

4. Fir-rapport li sar mill-ufficjal tal-pulizija (fol. 20 – 22) jinghad li l-*barrier* li fiha baqghet diehla l-vettura misjuqa minn Victoria Bondin, kienet tad-Dipartiment tat-Toroq.

5. Issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Camilleri vs Francis Carbone noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1995, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghal dak li jghid l-awtur Charlesworth: *"…. If a heap of rubbish is lawfully left in the highway for example, during road repairs, but negligently left unguarded and unlit, a person injured by it can recover"*. F'din l-istess sentenza l-Qorti ccitat ukoll sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana moghtija fis-6 ta' Awissu 1985, li hija riprodotta mill-awtur Roberto Rovelli fil-ktieb *'Responsabilita Civili e Penali per gli incidenti delle Strade'*: *"Chiunque opera a contatto della collettivita' deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danni agli altri. Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obbligo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonne ad avvertire: cittadini della preclusione al traffico della stessa ovvero dei pericoli inerenti al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente"*.

6. Mill-provi rrizulta li t-triq fejn sehh l-incident ma taqax taht ir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali ta' Bormla [ara f'dan is-sens ix-xhieda moghtija minn Raymond Balzan fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2002]. Min-naha l-ohra d-Dipartiment tat-Toroq huwa responsabbli sabiex

jassigura li fejn ikunu qeghdin isiru xogholijiet fit-triq, dawn isiru b'mod garbat u b'mod li ma jinholoq l-ebda periklu ghac-cittadin. Wara kollox id-Dipartiment tat-Toroq qieghed jirraprezenta lill-Gvern li bhal cittadini privati ghandu responsabbilta tal-hsara li tigri bi htija tieghu [ara per ezempju sentenza riportata il-Volum XXXVII.ii.753) dwar ir-responsabbilta tal-Gvern f'kaz ta' hsara lill-propjeta privata]. Ma jistax ikollna sitwazzjoni li l-awtoritajiet jippruvaw ifarfru r-reponsabbilta u kullhadd jipponta subajgh lejn l-iehor filwaqt li d-danneggjat jibqa' ma jafx fejn hu u u fejn irid jirrikorri biex jitlob rimbors ghad-danni li jkun sofra. Id-Dipartiment tat-Toroq bhala d-dipartiment li huwa responsabbli mit-toroq, ghandu jkollu l-mezzi u r-rizorsi biex jizgura li kwalsiasi xogholijiet fit-toroq ma joholqu l-ebda periklu ghall-utenti. Wara kollox dawk it-toroq li ma jaqghux fil-gurisdizzjoni tal-Kunsilli huma responsabbilta tad-Dipartiment tat-Toroq. Fil-kaz odjern irrizulta li din il-*barrier* kienet ilha gimghat shah fit-triq. Il-*barrier* in kwistjoni kienet ta' periklu serju ghall-vetturi li kienu ghaddejjin mill-post fejn sehh l-incident, u rrizulta li ma kien hemm ebda senjalazzjoni li biha sewwieq setgha jinduna li kien hemm din il-*barrier*. Il-fatt li ma kien hemm xejn li jattira l-attenzjoni tas-sewwieqa li kien hemm din il-*barrier* kien il-kagun ta' dan l-incident li seta' kellu konsegwenzi gravi. Dan kollu qieghed jinghad apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li l-post fejn sehh l-incident ma kienx imdawwal, u b'hekk kompla jzid il-periklu.

7. B'riferenza ghad-Dipartiment tad-Drenagg, ma tressqet l-ebda prova li huwa b'xi mod kien responsabbli ghad-danni sofferti. Anzi mill-provi rrizulta li fiz-zmien meta sehh l-incident ma kienu qeghdin isiru l-ebda xogholijiet taht id-direzzjoni ta' dan id-Dipartiment.

8. Fir-rigward tad-danni rekalmati, dawn gew sodisfacentement ippruvati u bl-ebda mod ma gew ikkontestati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lid-Dipartiment tat-Toroq sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija

u wiehed u tmenin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm381.81), b'dan li qieghed jichad it-talba in kwantu tirreferi ghall-konvenuti l-ohra.

L-ispejjez huma ghak-karigu tad-Dipartiment tat-Toroq, b'dan li l-ispejjez taz-zewg konvenuti l-ohra huma ghak-karigu tas-socjeta attrici.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------